MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## DOREEN CLARKE

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2009

Numru. 607/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Agius)**

**-vs-**

**Emmanuel Schembri**

Kumpilazzjoni numru: 607/2008

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Emmanuel Schembri ta’ 33 sena, imwieled il-Tarxien, nhar l-14 ta’ Frar, 1965, iben Joseph u Carmela nee’ Degiorgio, residenti gewwa “Massabielle”, Triq Anglu Mangion, Tarxien u detentur ta’ karta ta’l-identita b’numru 170165M.

Akkuzat talli nhar is-6 ta' Novembru, 2006, ghal habt ta' 18:30 hrs fi Triq Dawret Hal-Ghaxaq, Ghaxaq, b'nuqqas ta' hsieb bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila jew arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, waqt li kien qieghed isuq il-vann tal-marka Isuzu Elf bin-numru tar-registrazzjoni BAD 184, ikkaguna debulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem, jew iggib difett permanenti f'parti tal-ghamla tal-gisem jew marda permanenti tal-mohh fuq il-persuna ta' Carl Falzon minn Hal Ghaxaq, li dak il-hin kien qed jaqsam l-istess triq.

F'kaz ta' htija, il-prosekuzzjoni titlob li l-istess Emmaneul Schembri jigi skwalifikat mill-licenzji kollha tas-sewqan.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Semghat ix-xhiedha u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Rat l-artikolu 226(1)(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat

Illi l-imputazzjoni odjerna tikkoncerna incident li sehh nhar is-6 ta' Novembru 2006 ghal habta tas-sitta u nofs ta' filghaxija meta l-imputat kien qed isuq il-vettura ossia van ta' tip Isuzu Elf fi Triq Dawret Hal-Ghaxaq Ghaxaq; huwa kien qed isuq fid-direzzjoni taz-Zejtun. Meta l-imputat wasal fuq il-pelican lights li hemm vicin Vjal il-Labour hass daqqa mal-van u ghafas il-break. Id-daqqa fil-fatt kienet l-impatt ma' tifel ta' tnax il-sena, Carl Falzon, li dak il-hin kien qed jaqsam dik it-triq. Bhala rizultat ta' l-impatt it-tifel ghamel numru ta' granet f'coma u sofra diversi griehi b'konsegwenzi serji hafna.

Illi xhieda ta' dak li gara biex wasal biex sehh l-incident ftit li xejn hemm. Taw id-depozizzjoni taghhom l-imputat u

ibnu ta' erbatax il-sena li kien passiggier fil-van fil-hin ta' l-incident, u ta d-depozizzjoni tieghu ukoll Carl Falzon. It-tlett persuni koncernati taw id-depozizzjoni taghhom fil-kors ta'l-inkjesta li saret dwar l-incident. Dwar dawn id-depozizzjonijiet huma relevanti is-segwenti osservazzjonijiet.

Illi Carl Falzon ta d-depozizzjoni tieghu fis-17 ta' Frar 2007 cioe tlett xhur wara l-incident. Dan id-dewmien kien minhabba l-qaghda kritika li kien jinstab fiha t-tifel bhala konsegwenza ta'l-incident. Bizzejjed wiehed isemmi li huwa ghamel tlett gimghat fit-taqsima tal-kura intensiva u li f'l-10 ta' Marzu 2007 (xahar wara li ta d-depozizzjoni tieghu u erbgha xhur wara l-incident) l-konsulent li kienet inkarigata mill-kura ta'l-imsemmi Carl Falzon iddeskrieviet il-kundizzjoni tieghu hekk: *he can now walk for a short distance with minimal support and* ***expressive speech is now at a single word level***[1]. Meta l-istess konsulent, Dr Dorianne Soler, xehdet quddiem din il-Qorti hija qalet li Carl ghandu problemi kbar bil-memorja.

Illi fil-fatt Carl ma ftakar xejn dwar l-incident. Fid-depozizzjoni tieghu hemm indikat x'kien jaghmel normalment meta kien imur il-muzew (fil-hin ta'l-incident Carl kien sejjer il-muzew) pero dwar il-movimenti tieghu ta' dak in-nhar ma setghax jirrispondi.

Illi d-depozizzjoni ta' Stephen Schembri, bin l-imputat li kien passiggier fil-vettura ta' missieru fil-hin ta' l-incident, ukoll ftit li xejn titfa' dawl fuq kif sehh l-incident. Dan ix-xhud kull ma jiftakar huwa li missieru kien qed isuq bi speed moderat u kienu qed jitkellmu xi ftit meta "*f'daqqa … kull ma rajt kien bhal dawl ahdar fejn wara ghafast ghajnejja u ma nafx x'gara izjed*". Jghid ukoll li dak li huwa ddeskriva "bhal dawl ahdar" kien il-lights li hemm mal-pedestrian crossing u li sema hoss ta' breaks. Ma jiftakar xejn aktar hlif li l-ewwel darba li ra lil Carl kien meta hu kien ma'l-art. Il-Qorti, wara qari akkurat taghha, ghandha dubbji serji dwar kemm hi attendibbli din id-depozizzjoni.

---

[1] Sottolinear tal-Qorti

Illi d-depozizzjoni ta’l-imputat ma tantx titfa wisq aktar dawl fuq id-dinamika ta’l-incident ghaliex kull ma jaf personalment huwa li kien ghaddej bi tletin (ma jafx hux mili jew kilometri), kien mohhu fid-dawl li hemm imwahhal mal-pedestrian crossing, li skond hu kien ahdar, u li kien hemm ragel qed jistenna biex jaqsam. Jghid ukoll, kuntrarjament ghal dak li xehed ibnu, li ma kienx hemm diskors bejnu u bejn ibnu.

Illi pero mill-kostatazzjonijiet maghmula mill-esperti li accedew fuq il-post ta’l-incident wiehed jista jasal ghal numru ta’konkluzzjonjiet.

Illi ghalkemm Carl Falzon ma jiftakarx il-gurnata ta’ l-incident huwa spejga r-rotta li normalment jghaddi minnha biex imur il-muzew. Mill-atti m’hemm xejn li jindika li dak in-nhar huwa ha xi rotta differenti, anzi mill-pozizzjoni tal-hsara li garrbet il-vettura ta’l-imputat bhala konsegwenza ta’l-incident, u cioe l-indicator tan-naha tal-lemin ta’ quddiem, jista jigi asseriet minghajr dubbju li Carl kien qed jaqsam minn-naha tal-lemin ta’l-imputat.

Illi dan il-fatt, flimkien mal-pozizzjoni tal-vettura hekk kif waqfet, il-break marks, kif ukoll id-debris li jidher mill-iskizz redatt mill-espert l-AIC Richard Aquilina u mir-ritratti esebieti jirrizulta li Carl kien diga qasam aktar minn nofs it-triq meta sehh l-impatt.

Illi mill-pozizzjoni tal-break marks kif jidhru f’l-imsemmi skizz, u tenut kont ta’ dak li qal l-imputat li malli hass id-daqqa huwa ghafas il-break, jirrizulta ukoll li l-impatt sehh meta Carl kien miexi fuq z-zebra crossing.

Illi jirrizulta ukoll li l-impatt kien wiehed konsiderevoli u dan tenut kont mhux biss tal-griehi li soffra Carl, u li huma deskritti fir-rapport ta’ Dr Mario Scerri u ta’ Dr Dorianne Soler, imma tenut kont ukoll tal-fatt li bid-daqqa t-tifel ittajjar ghal fuq il-windscreen b’tali forza li faqaghha u ntrema circa hamsa u ghoxrin metru ‘l boghod mill-vettura.

Illi jirrizulta mir-ritratti mehuda mill-varji esperti nominati li fil-hin ta'l-incident dik il-parti tat-triq u tal-crossing kienu mdawwla sew.

Illi dwar il-velocita li kien ghaddej biha l-imputat meta kien qed isuq fit-triq in kwistjoni l-espert tekniku wasal ghal konkluzzjoni li din kienet ta' tmienja u tlettin mil fis-siegha (38mh) cioe wiehed u sittin punt hmistax kilometru fis-siegha (61.15kmh). Il-break marks pero huma ta' kwazi tlettax il-metru u skond il-Highway Code break marks ta' erbatax il-metru jindikaw velocita ta' hamsin kilometru fis-siegha (50km/h). Il-limitu ta' velocita massima fit-triq in kwistjoni huwa ta' hamsin kilometru fis-siegha (50 kmh)[2].

Illi l-uniku fatt li ma jistx jigi konfermat mill-kostatazzjonijiet li saru fuq il-post mill-esperti huwa jekk l-lights kienux hodor ghat-traffiku jew ghall-pedonali. F'dan ir-rigward l-Qorti tista tistrih biss fuq dak li qalu x-xhieda fid-depozizzjoni taghhom. Kif diga ntqal Carl Falzon ma jiftakar xejn, fil-waqt d-depozizzjoni ta' Stephen Schembri ma tantx tista' tinghata affidabilita. Dan ihalli d-depozizzjoni ta'l-imputat li jsostni li l-lights kienu hodor ghat-traffiku.

Illi pero l-fatt jekk il-lights kienux hodor ghat-traffiku jew le mhux l-uniku fattur li ghandu jittiehed in konsiderazzjoni biex tigi sabbilita r-reponsabbilta o meno ta'l-imputat ghall-incident de quo. Jekk il-lights kienu hodor allura wiehed jista jasal biex jistabbilixxi n-negligenza tal-parte leza, dan pero mhux necessarjament jezonera lis-sewwieq.

Ikkunsidrat

Illi huwa principju ben stabbilit fid-dottrina u fil-gurisprudenza li n-negligenza tal-parte leza mhux necessarjament tezonera lill-imputat, li xorta ghandu jirrispondi ghall-agir tieghu jekk dan l-agir jikkostitwixxi

[2] Ref Regolament 127 ta'l-Avviz Legali 128/1994

vjolazzjoni li tkun il-kawza prossima tas-sinistru[3]. F'dan il-kaz, u cioe jekk tirrizulta in-negligenza kontirbutorja tal-parte leza, din in-negligenza kontributorja ghandha tittiehed in konsiderazzjoni biss fil-kalibrar tal-piena li ghandha tigi imposta.

Illi gie ritenut hekk mill-Qorti ta' l-Apell Kriminali:

*Huwa veru li anke l-pedestrian ghandu d-doveri tieghu fit-traffiku stradali imma biex id-driver ta' karozza jiskolpa ruhu jehtieg li jirrizulta li l-kawza unika u determinanti ta'l-investiment kienet tikkonsisti fil-komportament imprudenti tal-pedestrian li gie milqut, u ma tistax tigi nvokata mid-driver l-iskriminanti tal-emergenza subbetanea meta tirrikorri l-kolpa ta'l-awtista li tkun impedietu milli jevita l-konsegwenzi ta'l-emergenza. Il-konducenti ta' vetturi m'ghandhomx jipprezumu normalita perfetta ta' komportament tal-pedestrian imma ghandhom dejjem jivvalutaw tajjeb il-kontingenzi stradali u jirregolaw il-velocita taghhom b'margini sufficjenti ta' sigurezza.*[4]

Illi r-Regolament 89 ta'l-Avviz Legali 128 tas-sena 1994 jistabbilixxi li
*meta t-triq tkun markata b'linji bojod paralleli jew bi studs matul il-wisa' taghha, jew b'sinjali ohra biex juru spazju ghall-passagg ghall-uzu ta' nies bil-pass, il-vetturi kollha li jkunu qed jersqu lejn dak il-passagg ghandhom imexxu bil-mod u, jekk ikun hemm bzonn ghandhom jieqfu, biex ihallu lin-nies bil-pass jaqsmu, u ma ghandhom f'ebda kaz jaqsmu l-passagg ta' xi nies bil-pass li jkunu qed juzawh*.

Illi r-Regolament 125 ta'l-istess Avviz Legali li jirregola s-sinjali tad-dawl tat-traffiku jispecifika, fil-paragrafu 4, li
*it-traffiku tal-vetturi li jkun miexi skond id-disposizzjonijiet ta' qabel ta' dan ir-regolament ghandu jibqa' miexi* ***wara li jiehu kont xieraq tas-sigurezza ta' l-ohrajn li jkunu juzaw it-triq***[5] *...*

---

[3] Pulizija vs Christopher Siegersma: Appell Kriminali deciza 12 ta' Lulju 2007
[4] Pulizija vs Haden Vella: deciza 12 ta' Lulju 2007
[5] Sottolinear tal-Qorti

Illi dan il-Regolament huwa rifless f'l-insenjament tal-Qorti ta'l-Appell Kriminali meta qalet li
*fuq pedestrian crossing … id-drivers ghandhom ikollhom l-akbar awareness u alertness ghall-prezenza jew movimenti ta' pedestrians.*[6]

Illi huwa principju ben stabbilit ukoll li sewwieq ghandu l-obbligu li jzomm 'l hekk imsejjah "proper look out". Gie ritenut li

*Hu dover ta' driver to see what is in plain view… u li min ma jarax dak li ragonevolment ghandu jara jfisser li ma kienx qed izomm a proper lookout…*

*Keeping a proper lookout means more than looking straight ahead – it includes awareness of what is happening in one's immediate vicinity. A motorist should have a view of the whole road from side to side and, in the case of a road passing through a built up area, of the pavements on the side of the road as well.*[7]

Illi l-istess Qorti ta'l-Appell Kriminlai rriteniet ukoll li

*… biex nuqqas ta'proper look out iwassal ghal responsabbilta penali l-Qorti trid tkun sodisfatta illi kieku ma kienx ghal dak in-nuqqas dik il-hsara x'aktarx kienet tigi evitata jew x'aktarx li ma kenitx issehh f'dak il-grad li effettivement sehhet...*[8]

Illi dwar velocita m'hemmx dubju li *speed jista jkun ecessiv anke jekk ma jiskorriex il-limiti regolamentari ghal dik il-lokalita izda jiskorri dawk dedatti mill-prudenza u mill-fatturi ambjetali tal-mument*[9]

Ikkunsidrat

Illi l-imputat hekk kellu xi jghid dwar l-incident:

---

[6] Pulizija vs Christopher Siegersma: op cit
[7] Pulizija vs Roderick Debattista: Appell Kriminali deciza 26 ta'Mejju 2004
[8] Pulizija vs Joseph Grech: deciza 6 ta' Gunju 2003
[9] Pulizija vs Haden Vella op cit

*Jien lit-tifel ma rajtux jaqsam… kull ma smajt kien impatt u dan **ghaliex mohhi kien fid-dawl li hemm imwahhlin mal-pedestrian crossing**[10]. Naf li d-dawl kien ahdar u niftakar li kien hemm ragel li kien qed jistenna biex jaqsam.*

Illi jekk il-Qorti taccetta l-verzjoni ta'l-imputat li d-dawl verament kien ahdar ghat-traffiku allura ghandha necessarjament tasal ghal konkluzzjoni li l-parte leza kien negligenti meta qasam it-triq.

Illi pero, u tenut kont tal-principji fuq elenkati u l-fatti li jirrizultaw, din il-Qorti m'ghandha l-ebda dubbju li l-imputat m'osservax ir-regolamenti tat-traffiku fuq elenkati u li lanqas zamm dik il-proper look out li kienet tinkombi fuqu.

Illi jekk l-imputat kien qed isuq b'velocita ta' ftit anqas minn hamsin kilometru fis-siegha kif jindikaw il-breakmarks huwa kien entro l-limitu regolamentari pero l-Qorti xorta tikkonsidra din  il-velocita eccessiva tenut kont tal-fatturi ambjentali tal-mument u tenut kont ukoll tal-prudenza li kienet mehtiega minnu hekk kif kien qed javvicina pedestrian crossing. L-imputat fil-fatt ma naqqasx il-velocita meta kien qed javvicina l-pedestrian crossing.

Illi inoltre l-imputat lanqas biss kien konxju ta' dak li qed jigri fit-triq ghaliex, fi kliemu stess, hu kien mohhu fid-dawl bir-rizultat li fi triq imdawwla sew, ma rax tifel li (ghalkemm kellu biss tnax il-sena) dak in-nhar kien mija u sebgha u erbghin centimetru (147cm) twil, u li kien diga lahaq qasam aktar minn nofs it-triq.

Illi fil-fehma tal-Qorti m'hemmx dubju li kieku l-imputat osserva r-regolamenti fuq elenkati u zamm proper lookout b'mod li kien jara dak li kien "in very plain view" il-hsara x'aktarx kienet tigi evitata jew almenu li ma kenitx issehh f'dak il-grad li effettivement sehhet.

---

[10] Sottolinear tal-Qorti

Illi ghalhekk l-Qorti hija sodisfatta li l-imputat ghandu responsabbilta penali ghall-incident de quo.

Ikkunsidrat

Illi mill-mod kif inhi impostata l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat l-prosekuzzjoni qed tallega li l-griehi sofferti minn Carl Falzon bhala konsegwenza ta'l-incident de quo huma 'l hekk imsejha gravissimi u li jgiebu l-konsegwenzi imsemmija f'l-artikolu 218 tal-Kap 9 tal-Ligjiet ta' Malta u li ghalhekk huwa applikabbli l-artikolu 226(1)(a) ta'l-istess Kap 9.

Illi mhux kontestat mid-difieza li l-griehi sofferti minn Carl Falzon huma ta' natura gravi; pero mis-sottomissjonijiet maghmula mid-difieza jidher li qed tigi kontestata n-natura gravissima tal-griehi u din is-sottomissjoni giet bazata fuq il-fatt li Dr Dorianne Soler waqt id-depozizzjoni taghha qalet li *l-problema li ghandu (Carl Falzon) fil-memorja hija …, probabilment permanenti*.

Illi f'l-ewwel lok l-Qorti tirrileva li ai termini ta'l-artikolu 218(2) *id-debbulizza fis-sahha jew fil-funzjoni ta' parti tal-gisem, u l-marda tal-mohh, l-isfregju gravi jew id-difett jitqiesu permanenti wkoll jekk x'aktarx ikunu hekk*.

Illi in oltre Dr Soler qalet hafna aktar minn dak fuq kwotat; hija qalet ukoll (fost affarijiet ohra) li Carl Falzon *baqa bi problemi edukattivi, ghandu problemi kbar bil-memorja … kif ukoll fil-qari u taghlim in generali.* Fil-fatt l-espert Dr Mario Scerri fil-konkluzzjonijiet tieghu qal li Carl Falzon hareg mill-isptar b'neurological deficit.

Illi konsegwentement din il-Qorti hija sodisfatta ukoll li l-griehi sofferti mill-parte leza jgiebu l-konsegwenzi msemmija f'l-artikou 218 u li ghalhekk ir-reat imputabbli lill-imputat huwa dak kontemplat f'l-artikoli 226(1)(a) tal-Kap 9 tal-Ligjjijet ta' Malta

Illi ai termini ta' dan l-artikolu l-piena prospettata hija jew prigunerija ghal massimu ta' sena jew multa ta' mhux

aktar minn erbat elef sitt mija u tmienja u hamsin euro u hamsa u sebghin centezmu (€4,658.75).

Ikkunsidrat

Illi wiehed mill-fatturi li zgur ghandu jittiehed in konsiderazzjoni fil-kalibrar tal-piena huwa n-negligenza kontributorja tal-parte leza.

Illi kif diga ntqal l-unika prova dwar dan kien dak li qal l-istess imputat u li l-lights kienu hodor ghat-traffiku; Carl Falzon iddeskriva biss dak li kien jaghmel normalment u cioe li jaghfas il-buttuna, jistenna li jaqilbu l-lights, mbaghad jaqsam.

Illi tenut kont tal-fatt li fil-kamp kriminali l-oneru tal-prova huwa fuq l-prosekuzzjoni u tenut kont tal-principju li l-prosekuzzjoni ghandha l-oneru li tipprova ‘l hemm minn kull dubbju ragonevoli u li in dubbio pro reo; tenut kont li ma jidhirx li jista jigi stabbilit b’mod definittiv kif kienu il-lights fil-mument ta’l-incident id-dubju ghandu jiffavorixxi lill-imputat.

Illi f’dawn ic-cirkostanzi u wara li hadet in konsiderazzjoni l-fedina penali tieghu, il-Qorti hija tal-fehma li l-imputat m’ghandux jiskonta piena karcerarja. Min-naha l-ohra l-Qorti trid tassigura ruhha li l-imputat jifhem li (kif gie ritenut diversi drabi mill-Qrati taghna) vettura tista tkun perikoluza daqs arma u li l-uzu taghha ghandu jkun dejjem responabbli u meqjus.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-artikolu 226(1)(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lill-imputat hati ta’l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu  tikkundannah multa ta’ tlett elef euro (€3000) u b’applikazzjoni ta’l-artikolu 23 ta’l-istess Kap 9 tiskwalifika lill-imputat minn kwalunkwe tip ta’ licenzja ta’ sewqan ghal perjodu ta’ sena.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------